Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 466 / 2014**

Il-Pulizija

vs

Dexter Bezzina

Illum, 19 ta Frar 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Dexter Bezzina, iben Martin, imwieled Pieta' , fil-21 ta' Novembru, 1986, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 546686 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f' dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' 3 ta' Dicembru 2006, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi in oltre, il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40 A, 120 A (1) (a), 120 A (2) (b) (i), u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolamenti 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22/1985; sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal sena (1) prigunerija effettiva, kif ukoll ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b' din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. pero' jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Euro (€295), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b' dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Dexter Bezzina minnu pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata f' l-ismijiet premessi, datata nhar l-10 ta' Novembru 2014 billi thassarha f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza tal-pussess aggravat u kkundannatu ghal terminu ta' sena prigunerija effettiva u l-hlas ta' elf u hames mitt (EUR1,500) multa, u konsegwentement minnha tilliberah filwaqt illi ssibu hati tar-reat minuri tal-pussess semplici, u fin-nuqqas, tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza tal-pussess aggravat, tvarjaha f' dik il-parti fejn kkundannatu ghal terminu ta' sena prigunerija effettiva u l-hlas ta'

elf u hames mitt (EUR1,500) multa u konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi bir-rispett jinghad li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

Illi effettivament l-esponent sa mill-bidunett tal-investigazzjoni sahaq illi l-pilloli misjuba kienu fil-fatt tieghu u li l-istess pilloli kienu biss ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi minkejja dan, l-Ewwel Qorti kienet konvinta mod iehor u kien ghalhekk li l-imputat gie kkundannat ghal terminu ta' prigjunerija effettiva.

Illi madanakollu bir-rispett ghandu jinghad illi, ghad li dawn il-proceduri ddelungaw ghal tmien shah, minghajr ebda htija imputabbli lill-appellant, l-provi prodotti huma minimi ghall-ahhar.

Illi in effetti tul dawn it-tmien snin ta' proceduri xehedu biss l-Assistent Kummissarju, dakinhar spettur is-sur Norbert Ciappara, l-ufficjali li affetwaw l-arrest u dawk l-membri tal-AFM li kkonducew is-search. Oltre dan, ma ngabet l-ebda ombra ta' prova ohra sabiex permezz taghha l-prosekuzzjoni ssahhah il-konvinciment morali li jippermetti lill-Qorti tikkundanna lill-imputat odjern, wara li ssibu hati tal-akkuza dedotta lil hinn minn dubju dettat mir-raguni li d-droga misjuba ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi proprju din hija l-lanjanza tal-esponent. Ghad li d-difiza hija ben konsapevoli tal-predispost tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta , l-appellant xorta wahda jikkontendi illi l-istess artikolu ma jistax jittiehed bhala soljev la ghal prosekuzzjoni, u wisq anqas ghall-Qrati sabiex l-istess artkolu effettivament jissostitwixxi l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-allegazzjonijiet li tkun qieghda taghmel fil-konfront tal-imputat fi proceduri kriminali.

Illi f' dan is-sens jinghad illi jekk il-prosekuzzjoni deherilha li kellha takkuza lill-appellant odjern bil-pussess aggravat, hekk kif kellha d-dritt li taghmel wara kollox, kien ukoll l-obbligu tal-prosekuzzjoni li necessarjament ggib dawk il-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati li abbazi taghhom l-imputat ikun jista` jinstab hati.

Illi s' intendi dawn il-provi ma ngiebux ghaliex ma jezistux u ma hemm l-ebda indizju illi l-esponent kellu l-intenzjoni diretta u specifika li d-droga li instabet fil-pussess tieghu tkun spaccata lil terzi.

Illi f' dan is-sens jinghad li oltre l-esebit imsemmi, ossia d-droga misjuba fil-pussess tal-appellant, ma giet imressqa ebda prova li tindika l-intenzjoni li l-istess droga tigi spaccata.

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li filfatt l-appellant kellu l-intenzjoni illi jittraffika d-droga illi nstabet fil-pussess tieghu. F' dan il-kuntest, jinghad illi sabiex Qorti ssib htija ta' intenzjoni ta' spacc ta' drogi, hija mhux biss trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi tali persuna kellha l-pussess tad-droga izda wkoll illi tali persuna kellha l-intenzjoni li tispacca jew b' xi mod tikkonsenja l-istess droga lil terzi persuni, u kif inghad, dwar dan kollu ma tressqet l-ebda sinjal ta' prova.

Illi tenut kont l-assjem tal-provi wkoll, d-difiza tikkontendi illi sabiex wiehed jinstab hati tal-akkuza addebita jehtieg illi l-Qorti taghmel ezami approfondit tal-istess provi u mill-istess tasal ghal konvinciment morali billi tigbed inferenza u tikkonkludi li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika, diretta u posittiva li d-droga in kwistjoni tigi spaccata – mhux kull indizju u kull cirkostanza li twassal ghal suspett huwa sufficjenti mehud wahdu.

Illi effetivament il-ligi kriminali ma tissanzjonax l-intenzjonijiet b' mod generali, u huwa biss eccezzjonalment illi l-ligi tikkonsidra r-reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant, l- esponenti jissottometti illi wiehed ghandu jezercita cirkospenzjoni ikbar f' kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni ta' l-ispacc ghandha tirrizulta b'

mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta' kongenturi u suppozizzjonijiet, u fin-nuqqas ta' provi ta' dina x-xorta l-appellant jishaq li ghandu jigi lliberat mill-akkuza tal-pussess aggravat tal-ecstasy kif dedotta kontra tieghu.

Illi indubjament l-ammont ta' droga misjuba f' parti sostanzjali tal-kazijiet hija determinanti ghal gudizzju li jehtieg taghmel il-Qorti fi tmiem il-process penali. Minkejja dan, jinghad ukoll li t-test ma jistax ikun wiehed ghal kollox oggettiv, u sabiex il-Qorti tasal ghal gudizzju li jkun jirrifletti verament l-fatti prodotti quddiemha jehtieg ukoll li jsiru konsiderazzjonijiet suggettivi.

Illi l-ammont ta' ecstasy misjub fil-pussess tal-imputat kien dak ta' tmintax-il pillola u nofs (18½).

Illi a tempo vergine l-appellant spjega waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu illi l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu kienet fil-fatt tieghu, u li kien xtara aktar minn kemm effettivament gie misjub proprju xi granet qabel. L-appellant kien spjega kif huwa kien xtara ghoxrin (20) pillola, u li kien inaghta wahda zejda bla hlas, total ta' wiehed u ghoxrin (21) pillola. Spjega wkoll kif l-istess pilloli huwa kien xtrahom minn Paceville, gewwa l-istabbiliment Axis, ghal prezz ta' erba` (Lm4) liri Maltin.

Illi hawnhekk id-difiza jehtieg tirrimarka illi l-istqarrija tal-imputat, ghad li mhijiex daqstant inkriminanti, ttiehdet minghajr ma inaghta l-fakolta li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu peress li ttiehdet fir-regim tal-ligi qabel ma gew in vigore l-emendi f' dan ir-rigward. Illi in oltre, din kienet l-ewwel darba li l-appellant, dak iz-zmien zaghzugh ta' ghoxrin (20) sena, gie arrestat u interrogat mill-Pulizija fejn waqt it-tehid tal-istqarrija huwa stess minn jeddu spjega kif effettivament fil-granet ta' qabel kellu aktar pilloli minn dawk li instabu fil-pusssess tieghu. Spjega wkoll illi kien ikkonsma zewg pilloli u nofs minn dawk li kien xtara.

Illi umbaghad l-Ewwel Qorti fil-gudizzju taghha tat piz konsiderevoli l-fatt li l-imputat kellu dan l-ammont ta' pilloli fuqu, barra mid-dar tieghu. Illi primarjament jinghad illi l-ammont misjub, ghad li huwa konsiderevoli, certament mhuwiex daqstant kbir ghal persuni li jaghmlu uzu minn dina d-droga fuq bazi regolari. Illi

aktar minn hekk, l-esponent stqarr ukoll li huwa zaghzugh li dak iz-zmien kien jghix flimkien ma ommu. Bid-dovut rispett jinghad li mhijiex cirkostanza daqstant inkoncepibbli li zaghzugh ta' tmintax-il sena jaghzel li jzomm id-droga fuqu minflok ma jhalliha d-dar ta' ommu fejn tista` facilment tinstab minnha. Ghad li l-ghazla tieghu rrizultat f' dawn il-proceduri, certament wiehed jista` jasal biex jifhem l-ghazla tal-imputat tenendo kont l-eta` tenera li kellu dak iz-zmien, proprju tmien snin ilu.

Illi tenendo kont dan kollu, l-esponent jirrileva illi huwa ghandu jigi lliberat mill-akkuza tal-pussess aggravat u filwaqt li jaghmel referenza ghal verbal f' l-udjenza datata nhar it-28 ta' Novembru 2008, jirreafferma l-ammissjoni taghha fir-rigward tal-pussess semplici.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant jehtieg jaghmel ukoll sottomisjonijiet rigward il-piena.

Illi ghal dan l-iskop l-esponent talab illi jigi redatt social enquiry report, hekk kif ghamlet l-ufficjal tal-probation Carmen Nygaard u li del resto xehdet ukoll nhar l-10 ta' Mejju 2010.

Illi mill-istess rapport jirrizulta ampjament illi dak iz-zmien l-esponent diga kien qabad jahdem b' mod regolari ghall-ahhar u li huwa persuna qalbu tajba, biezla u li skond ma xehdu anke l-employers tieghu dak iz-zmien huwa persuna li tista` tafdah.

Illi minn dak iz-zmien sal-gurnata ta' llum l-esponent kompla jirriabilita hajtu b' l-aktar mod komplet u gharaf ukoll ikompli jizviluppa l-edukazzjoni tieghu u ghal dawn l-ahhar snin ilu ingaggjat b' impjieg full time mas-socjeta` ReMax fejn jaghmel xoghol relatat mal-bejgh tal-propjeta`. In oltre, tenendo kont it-trapass ta' erba` snin mill-ahhar rapport li gie pprezentat ghal konsiderazzjoni tal-Qorti, l-esponent ser ikun qieghed jitlob illi jigi aggjornat is-social enquiry report tieghu sabiex ikunu l-ufficjali tal-probation li jaghtu kwadru car tac-cirkostanzi tal-hajja li jinsab fihom llum l-appellant.

Illi finalment, dwar il-piena jinghad li, ghad li l-esponent jifhem u japprezza li r-reat adebit huwa wiehed punibbli bil-ligi u li kien ghal dan li huwa gharaf jirriabilita ruhu kompletament, min-naha l-ohra jehtieg li l-Qorti tikkonsidra wkoll it-trapass ta' tmien snin, fejn fi tlieta minnhom il-kawza kienet differita biss ghall-ghoti tas-sentenza, fattur li jista` biss jimmilita` favur l-esponent – f' l-iema zmien l-imputat gharaf jibqa` fit-triq li kien qabad anke sa minn madwar tliet snin ilu.

Illi tenut kont ic-cirkostanzi jinghad li din il-Qorti issa jehtieg taghmel gudizzju mill-imputat u filwaqt li tissanzjona l-agir tieghu kif inhu xieraq, tikkonsidra wkoll il-fatt li sabiex piena tkun wahda gusta jehtieg tkun wahda li inaghtat fi zmien ragjonevoli sabiex tkun verament taghmel sens prattiku u sservi l-iskop taghha.

Illi ghalhekk, in vista tal-premess, id-difiza tikkontendi li hemm lok fejn il-Qorti tikkonsidra forom ta' piena alternattivi f' l-eventwalita` li din l-Onorabbli Qorti tikkonsidra takkolji l-lanjanzi tal-esponent u tilliberah mill-pussess b' l-aggravju skond il-ligi. Fin-nuqqas, id-difiza tikkontendi wkoll li dina l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll ragunijiet ampji sabiex tikkonsidra teroga piena li tkun tqarreb lejn il-minimu tal-habs tassativ – xi haga li l-Ewwel Qorti ghazlet li ma taghmilx ghaliex skond ma inghad fis-sentenza taghha ma seta` jitnaqqas l-ebda perjodu li l-esponent ghamel fi programm residenzjali. Madanakollu bid-dovut rispett jinghad li l-imputat ipprezenta bil-gurament tieghu certifikat ta' ezami supervizjonat tal-awrina tieghu redatt mit-tabib John Zammit Montebello, minn fejn irrizulta li sa mill-2009 l-appellant kien diga` hieles minn kull sinjal ta' vizzju.

Illi finalment, in linea ta' piena, l-esponent jaghmel ampja referenza ghal white paper ippublikata mill-Gvern dwar ir-riforma fil-ligijiet dwar d-drogi tal-abbuz, fol. 17 minn fejn jirrizulta li l-istat qieghed kull ma jmur jikkonsidra jiehu posizzjoni differenti hafna dwar kazijiet smili ghal dak in dezamina – borderline cases ta' pussess aggravat, jew traffikar minimu sabiex wiehed imantni l-vizzju u c-cirku vizzjuz li jkun sab ruhu fih. Tenut kont dan ukoll, l-esponent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti taghmel gudizzju xieraq minn persuna kompletament riformata ghal snin shah billi tikkonsidra forom ta' pieni alternattivi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 6 ta' Marzu 2018 (fol. 111) fejn l-appellant talab li Qorti tikkoncedilu iressaq dawk il-provi sabiex ai terminu tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tara jekk hemmx lok li din il-Qorti tikkonverti ruhha ghal Drug Court.

Rat id-digriet taghha ta l-istess jum fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnatlu iressaq il-provi tieghu fis-seduta Ii jmiss.

Illi nhar l-24 ta Jannar 2019 xehed l-ex Spettur tal-Pulizija Anthony Portelli. Dan spjega illi huwa kien irtira mill-Korp tal-Pulizija u beda jahdem mar Remax fil-proprjeta' u ltaqa' mal-appellant fuq ix-xoghol bhala kollega. Jghid li kien jahdem mieghu fl-istess ufficcju. Jaf li hu bniedem reformat. Fil-fatt meta qallu li kien ghaddej minn dawn il-proceduri u cioe' li kien biegh xi ectasy staghgeb ghaliex huwa jafu bhala persuna habrieki hafna u li rriforma ruhu. Huwa fehem li kellu xi akkuza dwar possession with intent u mhux trafficking. Qal li huma fil-fatt illum il-gurnata hbieb u gieli jattendu xi attivitajiet socjali tar-Remax flimkien. Qal li din kient l-ewwel darba il-telgha jixhed favur xi hadd u dan ghamilha ghaliex kien konvint minn dak li qed jghid. Qal li qabel ma kienx jafu, jafu bhala bniedem mibdul u mohhu biex jahdem. Qal li l-klijenti ihobbuh hafna u li jgib risultati tajbin fuq ix-xoghol.

Ill Probation Officer Carmen Nygard xehdet ukoll fl-istess jum u qalet li ilha tafu mit-3 ta Frar 2010 meta kient giet mitluba tghamel rapport dwaru mill-Qorti . Fil-fatt seduta statne esebiet kopja tar-rapport li kienet ippresentat quddiem il-Qorti f'Mejju

2010 fi proceduri li kellu l-istess appellant, liema rapport gie markat bhala dok CSH. Tghid li ilha taf lill-appellant zmien ilu meta kien imur ghand il-probation services biex jghati support lil xi habib tieghu. Qalet li Dexter kien wera li xtaq jallontana ruhu mill-hajja li kien ighix qabel u dan ghaleix minn informazzjoni li gabret dwaru kellu tfulija xejn felici. Missieru kien jisker hafna u isawwat lill-ommu. Il-genituri tieghu huma separati. Huwa irnexxielu igib l-'O' levels u mar l-Mcast . Beda jsitudja biex isir electrician pero' imbaghad kien qabad it-triq il-hazina u beda jiehu l-ectasy u beda jixrob. Taf pero' li qatt ma messs il-kokaina . Tghid li meta kient qed tikkompila ir-rapport taghha mir-records tal-Job Plus ma deherx li kein jahdem pero' fil-fatt kien jahdem. Qalet li Dexter dejjem gab ruhu sew u dan tafu hi stess u fil-fatt tghid li hu differenti hafna minn nies ohra li ghandhom hajja fil-kriminalita.

Qalet li huwa kien wehel tmien xhur habs fuq kaz li kellu qabel u dan in konnessjoni ma proceduri fuq droga u meta hareg mill-habs dan kien qabel ma pprezentat ir-rapport taghha. Tgid li minn esami tar-records li gabret mil Jobsplus jidher li wara tlett xhur li hareg mill-habs dan impjega ruhu pero' l-employer tieghu kien waqqfu ghaliex kien naqaslu x-xoghol. Hija tkellmet mal-employer tieghu u tghid li kien fahhru hafna .

Qalet li l-uzu tad-droga bdiha meta kellu hmsitax-il sena meta kien qed jghamel l-'O' levels. Kien jiehu l-ectasy regolari meta kien ikun fil-kumpanija hazina. Dak iz-zmien kien ghaddej minn fasi turbulenti f'hajtu u kien jirrkorri ghad-droga biex itaffi id-dwejjaq li kien ikollu. Qal li ma kienx ikollu cravings ghad-droga ghax hu ma kienx jiehu l-eroina jew il-kokaina izda kien jiehu l-ecstasy biex jiehu pjacir forma ta' escapism tieghu mir-realta.

Qalet li dak iz-zmien meta Dexter kien imur fid-dipartiment taghha ma kellhomx procedrua sbaiex jaraw xi droga kien qed jigi konsmata. Lanqas kien hemm test ghal-presenza tal-ecstasy.

Mistoqsi minn fejn gabet l-informazzjoni li hemm fir- rapport taghha dok CSH tghid li tkelmet mal-pulizija li kienu involuti fil-kaz, telmet mal-employer li kellu Dexter,

rappresentanti ta' Job Plus kif ukoll rappresentanti tal-agenzija kontra it-tehid tad-droga.
Semghet lill-appellant jiddikjara li ma kellux provi ohra xi iresssaq in sotern tat-talba tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi ghalhekk dan hu digriet limitatament dwar it-talba tal-appellant maghmula nhar is-6 ta' Marzu 2018, dehret l-avukat difensur tal-imputat u talbet li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sabiex dan isir din il-Qorti trid l-ewwel tara li l-akkuzi li bihom gie akkuzat l-imputat jaqghu fil-parametri ta' l-istess Artikolu 8 (2) u cioe' li l-imputat gie akkuzat b':-
(a) reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li biha l-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkużat;
(b) reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li biha l-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv (li mhux il-kaz);
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga (li skond ix-xhieda ta' l-ex spettur Anthony Portelli u l-Probation Officer Carmen Nygard jidher li dan hu l-kaz klassiku).

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkużata w lill-Ufficjal Prosekutur jirrimetti ruhu w semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien neċessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk tordna li Rappresentatnt ta' dan il-Bord jidher quddiemha fis-seduta li jmiss bil-ghan li tkun f'posizzjoni li

toħroġ digriet li permezz tiegħu il-Qorti tkun tista′ tassumi l-funzjoni ta′ Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (c) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tkun tista′ tipprocedi sabiex tirreferi lill-persuna akkużata quddiem il-Bord ta′ Riabilitazzjoni ta′ Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jagħti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkużata kif previst fl-Artikolu 6.

Tordna komunika lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex iharrek lir-Rapprezentant tal-Bord ta′ Riabilitazzjoni ta′ Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jidher quddiemha ghas-seduta li jmiss.

(ft) Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur